

32001R0898

L 126/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

8.5.2001

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 898/2001****tas-7 ta' Mejju 2001**

**li jissupplimenta l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 dwar id-dħul ta' ċerti ismijiet fir-  
"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" pprovdut  
bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u  
l-ismijiet ta' l-oriġini għall-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel agrikoli**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxil-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-ismijiet ta' l-oriġini għall-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel agrikoli <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2796/2000 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) u (4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, Spanja bagħtet lill-Kummissjoni applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' isem bħala indikazzjoni ġeografika.
- (2) Skond l-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament, l-applikazzjoni nstabt li tilħaq il-ħtiġijiet kollha stabbiliti fih u b'mod partikolari fiha t-tagħrif kollu meħtieġ skond l-Artikolu 4 tiegħu.
- (3) L-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni ma waslet għand il-Kummissjoni skond l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament rigward l-isem mogħti fl-Anness ma' dan ir-Regolament wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej <sup>(3)</sup>.

- (4) L-isem għandu għalhekk jiġi mdaħħal fir-"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" u minn issa 'l quddiem jiġi protett fil-Komunità kollha bħala indikazzjoni ġeografika protetta.
- (5) L-Anness ma' dan ir-Regolament jissupplimenta l-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2400/96 <sup>(4)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 509/2001 <sup>(5)</sup>,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

L-isem fl-Anness ma' hawn jiġi miżjud fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 u mdaħħal bħala indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) fir-"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti", pprovdut bl-Artikolu 6 (3) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92.

*L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Mejju 2001.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membri tal-Kummissjoni*<sup>(1)</sup> ĠU L 208, ta' l-24.7.1992, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 324, tal-21.12.2000, p. 26.<sup>(3)</sup> ĠU C 264, ta' l-14.9.2000, p. 2.<sup>(4)</sup> ĠU L 327, tat-18.12.1996, p. 11.<sup>(5)</sup> ĠU L 76, tas-16.3.2001, p. 7.

L-ANNEX

**IL-PRODOTTI ELENKATI FL-ANNEX I MAT-TRATTAT TAL-KE, MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM**

**Il-Prodotti bbażati fuq il-laħam**

SPANJA

Lacón Gallego (IĠP)

---